



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 0021/2013, imressqa minn John Savage, ta' ċittadinanza Britannika, dwar l-ispejjeż eċċessivi tal-Park tal-Irkupru tal-Iskart ta' Allerton

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, Kunsillier mill-Kontea ta' North Yorkshire, qed jipprotesta kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet lokali li jagħtu l-kuntratt għat-trattament tal-iskart solidu municiċipali lill-kumpanija AmeyCespa fis-sit ta' Allerton. Huwa jemmen li dan il-kuntratt partikolarment oneruż, bil-klawżoli stretti żżejjed tiegħu u b'terminu ta' 25 sena, jista' jkun forma ta' għajjnuna indiretta mill-Istat, u b'hekk ikun qed jagħmel ħsara serja lill-kompetizzjoni u lill-finanzi pubbliċi lokali.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-10 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Frar 2014

Il-petizzjonant, Kunsillier mill-Kontea ta' North Yorkshire, qed jipprotesta kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet lokali li jagħtu l-kuntratt għat-trattament tal-iskart solidu municiċipali lill-kumpanija AmeyCespa fis-sit ta' Allerton. Huwa jemmen li dan il-kuntratt partikolarment oneruż, bil-klawżoli stretti żżejjed tiegħu u b'terminu ta' 25 sena, jista' jkun forma ta' għajjnuna indiretta mill-Istat, u b'hekk ikun qed jagħmel ħsara serja lill-kompetizzjoni u lill-finanzi pubbliċi lokali.

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-informazzjoni mressqa mill-petizzjonant dwar l-ispejjeż eċċessivi tal-Park tal-Irkupru tal-Iskart ta' Allerton.

Il-Kummissjoni tifhem li l-proġetti ttrattati fil-petizzjoni jinsabu fl-istadju ta' ppjanar u s'issa għadu ma ngħata l-ebda permess ta' bini.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, il-Kummissjoni tosserva li skont l-istatistika tal-EUROSTAT dwar il-ġestjoni tal-iskart muniċipali ppubblikata f'Marzu 2013, fl-2011 ir-rata tal-miżbljet fir-Renju Unit kienet għada għolja ħafna (49 %) u kien jeħtieġ li tiġi indirizzata, b'aktar użu mill-ġdid u riċiklaġġ bħala l-għażliet ippreferuti segwiti minn inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija.

L-inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija, f'ċerti każijiet, tista' tkun għażla ta' trattament tal-iskart aċċettabbli, b'mod speċjali biex l-iskart li ma jistax jiġi rriċiklat ma jintremiex f'miżbljet. Il-Kummissjoni għandha informazzjoni li tissuġġerixxi li r-Renju Unit b'mod ġenerali jinsab 'il bogħod milli jilħaq kapaċità ta' inċinerazzjoni żejda, bir-rata ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-2011 tammonta għal madwar 12 %.

Fir-rigward tal-aspett ta' kompetizzjoni tal-petizzjoni, il-Kummissjoni rċeviet żewġ ilmenti dwar l-għajnuna mill-Istat li jirrigwardaw l-istess kwistjoni u li attwalment qed jiġu vvalutati. Attwalment il-Kummissjoni qed tinvestiga jekk hijiex involuta għajnuna mill-Istat, jiġifieri jekk hux qed jingħata vantaġġ selettiv lir-rebbieħ tal-offerta, Amey Cespa. Fil-prinċipju, l-għoti tal-kuntratt ma jgħib l-ebda tħassib dwar l-għajnuna mill-Istat sakemm il-kuntratt ingħata skont proċedura tal-offerti pubbliċi miftuħa u mhux diskriminatorja li tirrispetta r-regoli nazzjonali u dawk tal-UE applikabbli.

Bħala nota preliminari l-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li d-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku jipprovdu qafas komuni għax-xiri pubbliku billi jistipulaw regoli proċedurali dwar "kif tixtri", u jħallu lill-awtoritajiet kontraenti liberi fid-deċiżjoni bażika tagħhom ta' "x'jixtru", biex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, il-prodotti jew is-servizzi li jaqblu l-aktar mal-ħtiġijiet tagħhom u biex jimplementaw il-kundizzjonijiet li jkunu l-aktar xierqa għall-oġettivi tal-politika mixtieqa tagħhom (sakemm dawn ikunu trasparenti u mhux diskriminatorji). Għaldaqstant minn perspettiva ta' akkwist pubbliku l-Kummissjoni mhix se tikkummenta dwar is-soluzzjoni teknoloġika speċifika miżmuma mill-Kunsill tal-Kontea ta' North Yorkshire għat-trattament tal-iskart fil-Park tal-Irkupru tal-Iskart ta' Allerton.

L-Inizjattivi Finanzjarji għall-Proġetti jikkwalifikaw skont il-liġi tal-UE jew bħala kuntratti pubbliċi jew bħala konċessjonijiet. Il-konċessjonijiet huma kuntratti simili għall-kuntratti pubbliċi ħliet għall-fatt li l-kunsiderazzjoni għax-xogħlijiet jew is-servizzi li għandhom jitwettqu tikkonsisti jew unikament mid-dritt li x-xogħol jew is-servizzi jiġu sfruttati, jew inkella f'dan id-dritt flimkien ma' ħlas (l-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2004/18/KE fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (L 134/114, 30/04/2004). L-għoti tal-konċessjonijiet tax-xogħlijiet għat-trattament tal-iskart huwa suġġett għall-Artikoli 56 sa 65 tad-Direttiva 2004/18/KE. L-għoti tal-konċessjonijiet tas-servizzi u tal-konċessjonijiet tax-xogħlijiet fis-settur tal-"Utilitajiet" huwa suġġett għall-prinċipji tat-trattament ugwali u tat-trasparenza tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jimplikaw, b'mod partikolari, *'obbligu ta' trasparenza sabiex jippermetti lill-awtorità kontraenti tissodisfa ruħha li l-prinċipju ġie osservat. Dan l-obbligu ta' trasparenza impost fuq l-awtorità kontraenti jikkonsisti mill-*

*iżgurar, għall-benefiċċju ta' kull offerent potenzjali, ta' grad suffiċjenti ta' reklamar biex jippermetti li s-suq tas-servizzi jinfetħ għall-kompetizzjoni u li tiġi analizzata l-imparzjalità tal-proċeduri tal-akkwist.*' (ara s-sentenza Teleaustria u Telefonaddress, C-329/98, paragrafi 61 u 62).

Avviż dwar kuntratt għal kuntratt għat-trattament tal-iskart PFI ġie ppubblikat mill-Kunsill tal-Kontea ta' North Yorkshire fil-ĠU tal-UE fl-04.09.2007 (ir-Renju Unit-Northallerton: servizzi tal-iskart 2007/S 169-208874). Il-kuntratt ġie kkwalifikat mill-awtorità kontraenti bħala kuntratt pubbliku u l-għoti kellu jsir skont id-Direttiva 2004/18/KE abbażi ta' djalogu kompetittiv.

Il-petizzjonant isostni li l-avviż dwar kuntratt jirreferi għat-trattament ta' skart municijali residwu, u ma jsemmi l-ebda skart kummerċjali u industrijali (C&I). Skont il-petizzjonant dawn il-fatti jenfasizzaw ir-rwol importanti li jkollu l-iskart C&I u għaldaqstant in-nuqqas ta' informazzjoni adegwata u kompleta dwar il-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti li *"fixklet u waqqgħet dubji fuq il-proċess tal-akkwist, eż. billi rrifjutat lil kumpaniji oħra fil-proċess tal-offerti l-opportunità li jemendaw l-offerti tagħhom jew billi skoraggiet lil kumpaniji oħra tal-ġestjoni tal-iskart milli jagħmlu offerta."*

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, il-Kummissjoni ma tistax tosserva ksur tal-liġi tal-akkwist pubbliku tal-UE.

L-avviż dwar kuntratt għamel referenza, taħt il-punt II.1. 6) għall-kodiċi tas-CPV 90120000 (Servizzi tal-iskart), 90121000 (Servizzi tal-iskart ġenerali) u 90121300 (Servizzi tat-trattament tal-iskart). Jidher ċar għaldaqstant li dan kopra servizzi għat-trattament tal-iskart ġenerali u mhux biss skart municijali residwu kif previst fid-deskrizzjoni qasira tal-kuntratt taħt il-punt II.1.5). Barra minn hekk, taħt dan l-aħħar punt l-awtorità kontraenti ħabbret li ttrisserva l-flessibilità li teħtieġ lis-sieħeb tas-settur privat jittratta skart li jiġi minn awtoritajiet lokali oħra jekk dan ikun joffri l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz. Finalment taħt il-punt VI.3) l-awtorità kontraenti ddikjarat li l-parteċipanti kienu mħeġġa *"joffru soluzzjonijiet li jieħdu inkunsiderazzjoni jew jisfruttaw l-aspetti kollha, jew xi wħud minnhom, tal-funzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar il-Protezzjoni Ambjentali tal-1990 u leġiżlazzjoni oħra li taffettwa lill-awtoritajiet tar-rimi tal-iskart."* Għalhekk, mhux probabbli li xi offerent potenzjali għall-kuntratt ġie rrifjutat jew ġie skoraġġut milli jagħmel offerta għall-kuntratt inkwistjoni minħabba li l-avviż dwar kuntratt m'għamilx referenza espliċita għall-iskart kummerċjali u industrijali. Fi kwalunkwe każ, informazzjoni aktar iddettaljata dwar il-ħtiġijiet tal-awtorità kontraenti normalment tkun prevista fid-dokument deskrittiv li dwaru ma nstabet l-ebda informazzjoni fil-petizzjoni.

Fir-rigward tad-durata ta' 25 sena tal-kuntratt il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva 2004/18/KE ma tipprevedix durata massima ta' kuntratt.

### Konklużjoni

Id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-iskart jeħtieġ li jittieħdu fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali filwaqt li jikkunsidraw il-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża l-ġerarkija tal-iskart tal-EU. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, il-Kummissjoni ma tistax tosserva ksur tal-leġiżlazzjoni tal-iskart tal-UE.

Fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt pubbliku lil fornitur tas-servizzi, jeħtieġ li jiġu rrispettati r-regoli nazzjonali u tal-UE dwar l-għajjuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku. Il-kwistjoni qed tiġi

vvalutata minn perspettiva tal-għajnuna mill-Istat.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, il-Kummissjoni ma tistax tosserva ksur tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għal proċedura għall-għoti ta' kuntratt għat-trattament tal-iskart PFI ppubblikat mill-Kunsill tal-Kontea ta' North Yorkshire.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni (REV), li waslet fit-30 ta' Lulju 2014**

Din il-komunikazzjoni addizzjonali għandha l-għan li tikkompleta r-risposta preċedenti mogħtija mill-Kummissjoni fit-28 ta' Frar 2014 u tittratta l-informazzjoni ulterjuri u l-allegazzjoni ppreżentati mill-petizzjonant relatati mal-aspetti tal-għajnuna mill-Istat.

Il-Kummissjoni rċeviet żewġ ilmenti relatati mal-istess kwistjoni u li attwalment qegħdin jiġu vvalutati. Dawn l-ilmenti ġew mgħoddija lill-awtoritajiet tar-Renju Unit flimkien mal-informazzjoni addizzjonali li sadattant ġiet ippreżentata mill-ilmentaturi. L-awtoritajiet tar-Renju Unit bosta drabi pprovdew tweġibiet għall-allegazzjonijiet tal-ilmentatur filwaqt li l-valutazzjoni tal-miżura skont ir-regoli tal-għajnuna tal-Istat tal-UE għadha għaddejja.

L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprevedi li “kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, safejn tkun tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni.”

L-Istrateġija dwar il-Ġestjoni tal-Iskart Muniċipali għal York u North Yorkshire, li jisimha “Let's talk less rubbish”, tistabbilixxi politiki, għanijiet, objettivi u miri għall-ġestjoni tal-iskart u r-riżorsi biex jitnaqqas l-ammont ta' skart prodott f'York u North Yorkshire u biex il-valur tal-iskart jiġi promoss bħala riżorsa naturali u vijabbli għall-perjodu 2006-2026.

L-awtoritajiet tar-Renju Unit ikkonfermaw li l-proċess ta' akkwist pubbliku ġie organizzat f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rispett tar-regoli trasparenti u mhux diskriminatorji. AmeyCespa ġiet magħżula wara eżerċizzju ta' akkwist pubbliku bl-użu tad-Djalogu Kompetittiv biex tiġi identifikata l-offerta l-iktar Ekonomikament Vantaġġjuża fir-rispett tar-regoli nazzjonali u tal-UE applikabbli.

Matul il-proċess miftuħ ta' djalogu kompetittiv, l-offerti (li inkludew firxa ta' proposti teknoloġiċi) jidhru li ġew ivvalutati fuq kriterji ta' valutazzjoni ppubblikati (kif deskritt mill-Avviż dwar Kuntratt għat-Trattament tal-Iskart fil-ĠU tal-UE Ref 208874-2007 - approċċ ta' valutazzjoni).

B'mod partikolari, il-proċess ta' valutazzjoni biex jiġi magħżul il-kuntrattur kien jinkludi valutazzjoni tat-teknoloġiji proposti mill-offerenti, biex jiġi żgurat li dawn ikunu xierqa għat-twertiq tas-servizz, iżda l-Kunsill ma speċifikax liema teknoloġija jew taħlita ta' teknoloġiji kellhom jintużaw.

Il-prezz li kellu jitħallas mill-Kunsill jidher li jirrifletti r-riżultat tal-proċess ta' kompetizzjoni miftuħa, li bbilanċja l-prezz mal-kwalità u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali. Skont l-

awtoritajiet tar-Renju Unit, il-livell bażi tal-iskart (it-tunnellaġġ minimu ggarantit, GMT), li taħtu hemm mekkaniżmu biex jiġi aġġustat il-ħlas lill-kuntrattur, ġie stabbilit mill-offerenti bħala parti mill-proċess ta' offerta kompetittiva. Il-Kunsill wettaq analiżi tas-sensittività ddettaljat fiż-żmien tal-ġhoti tal-kuntratt sabiex jiżgura li jissodisfa l-obbligu tiegħu li jipprovi skart ta' livell oġhla mil-livell tal-GMT.

Madankollu, is-servizzi tal-Kummissjoni għadhom fil-proċess li jivvalutaw il-miżura, fid-dawl tal-informazzjoni kollha disponibbli li tinkludi l-informazzjoni l-iktar riċentement ippreżentata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha ma tistax tikkomunika pożizzjoni finali dwar il-miżura, iżda ser tinforma lill-awtoritajiet tar-Renju Unit u lill-ilmentaturi malli titlesta l-valutazzjoni.

## 5. Tweġiba tal-Kummissjoni (REV.II), li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Fuq il-baży tal-informazzjoni disponibbli, is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni waslu għal konklużjoni preliminari li l-miżuri *prima facie* ma jidhrux li jammontaw għal għajjnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li ma ġie identifikat l-ebda vantaġġ speċifiku għall-benefiċjarja AmeyCespa.

Kif riċentement ikkonfermata fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każ SA 38302 (2014/N) – Għajjnuna għall-investment lill-port ta' Salerno, f'każijiet fejn l-operaturi huma magħżula fuq il-baży ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti pubbliċi, miftuħa u li ma jkunux suġġett għal xi kundizzjonijiet organizzati b'mod konformi mar-regoli tal-akkwist tal-UE u li jużaw kriterji ta' ġhoti li huma trasparenti u mhux diskriminatorji, l-għajjnuna mill-Istat hija eskluża, peress li l-proċeduri tal-offerti rispettivi jeskludu kwalunkwe vantaġġ ekonomiku lill-operatur.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jinnotaw li s-sejħa għall-offerti tmexxiet b'mod konformi mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma tal-fehma li l-proċedura tas-sejħa għall-offerti kienet trasparenti u mhux diskriminatorji, u għalhekk eskludew kwalunkwe vantaġġ ekonomiku għal AmeyCespa. Minn dan isegwi li l-miżura li saret oġġezzjoni għaliha ma tammontax, *a priori*, għal għajjnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) TFUE.

Barra minn hekk, il-petizzjonanti ġew infurmati li l-informazzjoni li huma pprovdew tkun irreġistrata bħala informazzjoni ġenerali dwar is-suq taħt il-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba peress li ma ikkwalikawx bħala partijiet interessati. Il-partijiet interessati huma partijiet li l-interessi tagħhom jistgħu jiġu affettwati mill-miżura; pereżempju kompetituri jew assoċjazzjonijiet tal-kummerċ<sup>1</sup>. Huma biss il-partijiet interessati li jistgħu jressqu ilmenti formali skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament 659/1999 kif emendat<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> Ara l-Artikolu 1(h) tar-Regolament 659/1999.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 734/2013 tat-22 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, ĠU L 204, 31.07.2013, p. 15.

